# Kliem Malti li f'Ilsna oħra ta' l-Ewropa iktarx m'hemmx il-kelma li taqbel miegħu.

Fit-taħdita li kont qrajt fl-1 ta' Marzu 1925 fil-Palazz De la Salle "Xinhu il-Malti safi", jien kont semmejt li waħda mill-ħwejjeġ li jixhdu l-faqar tal-vokabularju malti hu n-nqqas ta' kliem li jfisser il-ħsibijiet *astratti*, kif ukoll in-nuqqas ta' kliem li għandu tifsir li jixxiebah (*sinonimi*). Inħallu barra l-kliem ġdid tas-sengħa, fosthom tal-baħar, ta' l-arti u tax-xjenzi, li daħal fil-Malti minn żmien in-Normanni 'l hawn, bħalma nsibu li fi żmien wieħed dan il-kliem kien daħal ukoll f'ilsna ta' l-artijiet ta' l-Ewropa, bħal fit-Taljan, fil-Franċiż, eċċ.; naraw iżda, li dan in-nuqqas ta' kliem ma nsibuhx hekk minnufih fi kliem ieħor bikri, jiġifieri f'dak il-kliem li bih jitfissru ħwejjeġ nturali jew ħwejjeġ materjali ta' ħtieġa ewlenija għall-bniedm, bħalma huma dawk li jidħlu fil-biedja, fil-mergħa, fl-insiġ, eċċ. Il-Malti, bħala fergħa ta' wieħed mill-ilsna bikrija, kellu, u għad għandu, kliem bħal dawn li f'ilsna oħra bħal-Latin, Taljan u Franċiż, u magħhom l-Ingliż, iktarx jitfisser *b'iżjed minn kelma waħda*, ngħidu aħna, b'verb u b'nom jew b'xi verb, preposizzjoni, aġġettiv eċċ. jew b'xi rabta ta' kliem ieħor. Bosta minn dawn il-kelmiet il-lum ma għadhomx f'ħalq in-nies u flokhom daħlu oħrajn mislufin minn ilsna oħra iktar imħarrġin u din hija waħda mill-ħtijiet li għaliha il-lsien malti ftaqar ukoll minn xi kliem.

Kliem ta' din il-għamla iktarx insibuh fi qwiel qodma ta' lsienna—qwiel li jixhed l-ifdal tal-lsien malti f'ħalq il-poplu ta' dwar millinqas sitt mitt sena ilu. Fost dawna jiena kont semmejt xi 45 kelma minn fost xi 200 li kont ġbart. Il-lum jien bi ħsiebni nsemmi l-biċċa l-kbira ta' dan il-kliem li bħalma għidt ma nsibuhx hekk dlonk imfisser b'kelma waħda f'ilsna oħra li mhumiex ta' fergħa semitika; u biex wieħed jifhem u jiżen u jistaħreġ aħjar, miegħu inżid daqsxejn ta' tifsira bil-malti, u għall-bżonn bil-Latin, bl-Ingliż jew bit-Taljan. Fejn jidhirli, inxebbhu wkoll ma' l-egħruq tal-Għarbi bħala wieħed mill-ilsna ħajjin tan-nisel semitiku, kif ukoll ma' xi kliem Lhudi li jaqbel miegħu.

BAD jew BIED.—*Ovo pono.* *To lay eggs.* *Far uova.* Minn dan il-verb: *bajd*, *bajda*. Għarbi: *bâd.* Lhudi: *bejs*, bajd. Għerq *b-j-s*, kien abjad, *to be white.*

BAGĦTAR.—Għadda minn art kollha tajn. Ħarat jew ħadem raba' għadu niedi. Qaras l-art (ħadem raba' għadu mxarrab bix-xita).

BATAR—(a) Għabba ndaqs fuq iż-żewġt iġnub biex il-bhima ma tbatix. Qasam fi tnejn. (b) Qata' d-denb. Għarbi : *batar*, qata' denb.

BERKEL.—Ħareġ il-ward, ġdur, ravanell, eċċ.

BEWWAQ.—Ħaxxen minn barra u ħalla battal minn ġewwa. Għal kull ħaġa minfuħa minn barra u fiergħa minn ġewwa. Jingħad l-iktar għall-forn li jtalla' l-qoxra talħobż u jagħmlu vojt minn ġewwa. Ara *buq* li tfisser qasba ħoxna, *Arundo magna. Canna.* Dak li hu fieragħ, u battal, *quid vacuum, vacuitas.* Ara l-Għarbi: *baq, jbuq*, nefaħ, daqq it-trumbetta. Ukoll il-kelma *buq* għarbija li tfisser qoxra (*shell*), qarn, bronja (tad-daqq). Latin *buccina.* Qabbel il-Lhudi *buqāh*, frugħa.

BEWWET.—Għamel libsa dejqa,verb denominativ minn *But.*

BEWWEX.—Għamel jew għadda ħaġa minn taħt, bil-moħbi, Ħarab: għab wara li għamel xi ħtija, Vassalli.: *bawwax, ibawwax* u minnu: *Bawxa, bawxata.* Lhudi: *bawox, to be ashamed, to act wickedly. Bawxa, reproach, shame.*

BEŻLEK.—Rada' ftit ħalib u sikwit. Caruana E: *Succhiare a stento e con rumore.*

BINNIJA.— Moħba fejn it-tiġieġ tbid.

BIŻŻEL.—Xeħet riżq ħażin fuq xi ħadd; minnu: *beżżul.* Għarbi : *bażala*, riżq ħażin għall-aħħar.

BNIQA.--Forsetta ta' qmis biex tirfed l-ispallejn. Libsa dejqa. Ara l-Għarbi *bánaqa.* Diminutiv *Bnejqa.*

BONT.—Sieq ta' siġra bil-fjur, bħal fil-basal u tewm. *Scapus, stilus ut in caepis, aliis*, etc. *Scapo, 'gambo fiorito di alcune piante bulbose. Stalk (blossoming) of some bulbous plants* Minn *bont* nagħmlu l-verb denominativ: *bannat, jbannat*, italla' l-bont. *Il-basal beda jbannat.*

BTURA.—Bla denb. Ara *Batar.*

BUGĦAŻ.—Fomm ta' daħla f'baħar. Għarbi : *bugħaż*, kanal, friegu.

BUXWEJKA.—Tajra li ma tikbirx iżda għammiela ħafna, e.g. *Tiġieġa ta' buxwejka.*

DEXXEX.—Taħan oħxon. *To grind coarsly. Macinare grossolanamente.* Magħad ftit, kiel malajr jew bala' l-ikel. Ara l-Għarbi : *daxa*, taħan oħxon.

DIFÀ.—Temp ta' arja fietla, l-iktar f'xi jum tax-xitwa li fih l-ajru hu sabiħ, sħajjen u bid-dija tax-xemx. *Parvus calor, tepor.* Ara l-Għarbi : *dafa*, kien sħun, *to be warm.*

DIKSA.—Dak li l-bniedem iħoss malli jisma' b'aħbar ħażin. Dehxa minn aħbar ħażina. Vassalli: Kedda, bħal tkgħabir, tagħkis fuq bniedem jew ħaġa. Ara l-Għarbi: *dâkisa*. Ħaġa li minnha tieħu aħbar ħażina. Minn *diksa* għandna *diksata* (taħbita) bid-desinenza taljana *ata* bħal *bawxata*.

FAĠAR.—Ġagħal li joħroġ id-demm minn imnieħru. *Sanguinem e naso fluere facio.* Bit-tieni tifsira: *virginem deflorare.* Qabbel il-Għarbi: *faġara.*

FAQÀD.—Żar il-għases; staħreġ biex ikun jaf. Minn *faqad, ftaqid*, żjara ta' staħriġ (*ricognizione*) u *ftqâd*, is-sindku tal-għases li fiż-Żminijiet tan-Nofs kellu l-inkarigu li jżur il-għases u t-torrijiet. Qiegħed għal xi żmien xi mkien, għalhekk: *faqad il-ħobż*—qiegħed il-ħobż f'post biex għal xi ftit jitrewwaħ, wara li nħema għal xi ftit, u jarġa' jitqiegħed ġewwa l-forn. *Jiftaqad xi ftit taħt xi siġra huwa u ġej*, jiġifieri *jieqaf taħt xi siġra u mbagħad jarġa' jissokta t-triq.* Qabbel il-Għarbi *faqad* bl-istess tifsira, ukoll "fittex ħaġa mitlufa.". Lhudi: *phâqad, to look upon, see after a person, to visit, examine.*

FAQAS.---Kiser il-bajda, e.g. *faqas il-bajda* Ħareġ mill-qoxra tal-bajda (fellus, għasfur, eċċ.), twieled mill-bajda (tifsira newtra). *To hatch.* Qabbel il-Għarbi *faqas*, bl-istess tifsira.

FARLU—Kull fils qadim, mgħarraq u mikul.

FARDSIEQ.—(Vassalli. *Farżieq* jew *fartsieq*) ukoll. *Aħwa fardsieq*, aħwa mill-missier jew mill-omm. Kelma magħmula minn *fard* u *sieq*, jiġifieri aħwa minn naħa waħda, *Fratres vel sorores ex uno latere.* Lhudi: *phârad, being alone, separate, distinguished from others.*

FARXA.---Tavla li tirfed id-dahar tal-bieb.

FELLEK.—Mexxa ħażin it-tmun, il-moħriet; ma jafx jaħkem tajjeb; mexxa ħażin amministrazzjoni, gvern ; (taħt tifsir ieħor), għawweġ it-trieq.

FERĊAĦ.--Mexa ixejjer u jgħawweġ saqajh.

FILEĠ.—Ikkaġuna puplesija, koċċla (puplesija li tieħu nofs il-ġisem). *Mifluġ*, ikkuċċlat, ikreh f'surtu. Ara l-Għarbi: *falaġ* bl-istess tifsira u l-kelma *emiplegia* (mill-Grieg *emi*, nofs, *plege*, daqqa). Qabbel il-Lhudi: *phâlag*, qasam.

FOXXA.—Mara b'saħħitha, mlaħħma u ħoxna.

FUTJANA—Terħa wiesgħa u mtarża.

ĠAĦĠAĦ.—Mexa bi tbatija, bil-mod. Għax ħażin ħażin. Tħabat, bata biex jagħmel ħaġa; għamilha bi tbatija. Ara l-Għarbi: *ġaħġaħa* (kemm xejn imbiddel fis-sens).

ĠAHRA. (fem.), IĠHAR (mask.) — Min għandu għajnejh mgħammxin. Nieqes mill-vista. *Short-sighted, dim-sighted. Losco, di corta vista.* Mill-verb *ġahar*, li minnu n-nom *ġahar*, tagħmix, ċpar, tagħmim. Xebbah mal-Għarbi *ġahar*, għammex, għabbex.

ĠARDA.—Mingħajr pil, suf. *Nagħġa ġarda*, bla suf. Hekk ukoll *art ġarda*, art li ma tnissilx ħaxix, misħuta, għerija (art mielħa). Mill-verb *ġarad*, gerrem qaxxar, ġeżż, qata', e.g. *ġarad it-tina, il-weraq*, Qabbel il-Għarbi: *ġarada* (gerrem, *rodere*) *Ġurda(h)* naħa għerija tal-ġisem, *ġarad*, tfartis, *ġarrad* qaxxar. Minn dan il-għerq iktarx ukoll il-kelma; *ġurad* (ġurat). Lhudi (għerq) *g-r-d erasit. To scrape.*

GELLUX.—Għogla. Kull annimal li għadu ma jnissilx.

ĠEJŻA.—Travu pastas jew travu kbir f'nitħna li jirfed ir-rota l-kbira. *Cross beam, trave maestra* Għarbi *ġajża(h)*.

ĠEWWEŻ.—Kiel il-kumpnaġġ bil-ħobż. Faddal. Verb denominativ minn *ġwież*, kumpnaġġ. Ara l-Għarbi: *ġwâż* (li jfisser ukoll kull ħaġa li tittiekel mal-ħobż biex l-istonku iniżżlu ħafif.)

ĠHIEŻ.—Ilbies jew għamara u deheb li magħha ġġib l-għarusa fid-dar ta' żewġha. Id-dota. Ħwejjeġ tad-dfin għall-mejjet; dak li jinħtieġ f'funeral. Qabbel il-verb *ġiheż*, ipprovda l-għarusa bi lbies. Iddota. Hejja l-lbies għat-tarbija. Qabbel mal-Għarbi *ġahâż* bl-istess tifsir.

ĠILWA.—Ċerimonja tat-tieġ ta' żmien ilu bil-ħaddara li jwasslu l-agħrajjes sal-knisja, bil-għana u d-daqq. Ara l-verb *ġila*, feraħ; wassal l-agħrajjes waqt it-tieġ. Qabbel mal-Għarbi *ġalâ* u *ġala* bl-istess tifsir.

A. C.

(Jissokta)